MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 678/2013

**C&F Building Contractors Ltd (C15308)**

**vs**

**Malta International Airport plc (C12663)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tas-socjeta' C&F Building Contractors Limited, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih premessi, talbet lil din il-Qorti tordna s-sostituzzjoni tas-socjeta' intimata Malta International Airport plc permezz ta' Skyparks Development Ltd (C48061).

Rat ir-risposta ta' Malta International Airport plc li ghar-ragunijiet fiha mfissra talbet lil din il-Qorti tichad it-talba.

Ikkunsidrat illi f'materja ta' korrezzjoni ta' atti, il-ligi, permezz tal-Art. 175 tal-Kap. 12 tipprovdi illi:

"***175.*** *(1) Il-qorti tista', f'kull waqt tal-kawża, qabel issentenza, wara talba ta' waħda mill-partijiet, wara li tisma' meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew leċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża.*"

Din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza "Mifsud vs Buhagiar et" (deciza mill-Prim'Awla fil-11 ta' Mejju 2009) spjegat ampjament b'referenzi varji ghall-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati f'liema cirkostanzi ghandhom jigu permessi korrezzjonijiet fl-atti u ghaliha din il-Qorti taghmel pjena referenza.

Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fil-kawza "Calabrese vs Bigeni" (deciza fit-12 ta' Dicembru 1994):

"*Il-qofol qieghed fil-precisazzjoni li timporta l-kelma 'fis-sustanza'. Din tindika li kull bidla li ssir trid tkun bidla ta' xi dettal ta' xi haga marginali, incidentali imma mhux materja ta' sustanza jew li teffettwa s-sustanza.*"

Dak li fil-fatt qieghda titlob is-socjeta' rikorrenti hija li tbiddel addirittura l-persuna li kontriha hija ghazlet li tibda l-azzjoni. Din il-Qorti ma tasalx biex tqis kif dan il-fatt ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza. Malta International Airport plc diga' eccepiet illi mhijiex legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri fejn Skyparks Development Limited ghadha lanqas tidher. Is-sostituzzjoni ta' socjeta' b'ohra f'dan l-istadju tkun qed tfisser tibdel fis-sostanza innifisha tal-proceduri, kemm f'dak li hi t-talba kif ukoll l-eccezzjonijiet.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tichad it-talba ta' C&F Building Contractors Limited kif kontenuta fir-rikors taghha tat-8 ta' Novembru 2013.

L-ispejjez ta' dan l-incident jithallsu mill-istess C&F Building Contractors Limited.

IMHALLEF

DEP/REG

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------